MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1451/2004

**Dr. John Refalo bhala prokuratur specjali '*ad litem*' ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Fiscop Tecnica S.A.**

**Vs**

**AMC Marketing Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Mejju, 2004, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lil attur nomine s-somma ta` sitt mija u erbgha u hamsin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm654.65), rapprezentanti bilanc ta` prezz ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-konsenja ndikata sad-data ta` l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentant taghha huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 26 ta` Lulju, 2004, fejn ikkontesta t-talbiet attrici in vista tal-fatt illi fl-ewwel lok il-konsenja saret xi sena wara z-zmien miftiehem u fit-tieni lok illi l-oggetti kkonsenjati ma kienux tal-kwalita` pattwita izda ta` kwalita` inferjuri minn dak miftiehem bejn il-partijiet.

B`riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.
Illi mill-assjem tal-provi ghandu jirrizulta illi l-konsenja mertu ta` din il-kawza fil-fatt giet debitament mghoddija lis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta kemm mix-xhieda ta` Dr. John Refalo u kif ukoll mid-dokumenti minnu ezebiti.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta` l-istess rapprezentant tas-socjeta` konvenuta u cioe` tramite x-xhieda ta` Victor Zammit illi ghalkemm huma kellhom xi ilmenti dwar din il-konsenja pero` irrizulta illi l-istess prodotti li lilhom ikkonsenjati, kienu fil-fatt gew uzati u s-socjeta` konvenuta ddisponiet minnhom. Fil-fatt l-istess xhud, Victor Zammit jikkonferma illi l-ammont mitlub f`dina l-kawza baqa` ma thallasx u dana peress illi kienu qed jippretendu illi jigi kkumpensat bil-valur ta` dan il-bilanc illi kien fadallu jaghti lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk in vista tax-xhieda moghtija mill-istess Victor Zammit ghan-nom tas-socjeta` konvenuta ghandu jirrizulta illi l-eccezzjonijiet minnu mressqa ma humiex fil-fatt legalment gustifikati.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi qed jilqa` t-talbiet ta` l-attur nomine u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lil attur nomine, is-somma mitluba ta` sitt mija, erbgha u hamsin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm654.65), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-odjern avviz u bl-

ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------